



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7610/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0080(NLE)

ACP 29
FIN 245
PTOM 7
COAFR 53

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 139 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 139 final.

Mehmuż: COM(2019) 139 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2019
COM(2019) 139 final

2019/0080 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar Fond Ewropew
għall-Iżvilupp għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2003 fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou¹ u hija ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), li ma jaqax fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-FPA sar wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni Afrika-UE dwar il-paċi u s-sigurtà.

Fl-ambitu tal-11-il FEŻ ta' bħalissa, ġie inizzjalment allokat l-ammont ta' EUR 750 miljun lill-FPA għall-perjodu 2014-2020. Dan l-ammont, li kien ibbażat fuq l-impenji tal-FPA fl-ambitu tal-għaxar FEŻ, naqas milli jkollu biżżejjed iż-żieda f'daqqa tal-volum finanzjarju tal-FPA wara l-2012, li kompliet sal-2015, meta l-Kummissjoni poġġiet limitu fuq il-finanzjament tagħha għal Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi (OAP) ta' 80 % tar-rata tan-NU ta' dak iż-żmien għal salarji mħallsa lit-truppi u lill-pulizija stazzjonati fil-qafas tal-OAP immexxija mill-Afrika. L-introduzzjoni ta' dan il-limitu massimu wassal għal stabbilizzazzjoni, iżda mhux għal tnaqqis tal-iżborżi tal-FPA, billi l-iffrankar li seħħ bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-limitu massimu fuq il-kontribuzzjonijiet tal-FPA għas-salarji ġie kkontrobalanċjat b'żieda fl-għadd kumplessiv ta' OAP iffinanzjati. B'konsegwenza ta' hekk, id-domandi għall-finanzjament mill-FPA f'qasir żmien kienu aktar mill-ammont disponibbli. Il-FPA, sa issa, kellha riforniment tliet darbiet għal total ta' EUR 835 miljun: żewġ rifornimenti ta' EUR 150 miljun kull wieħed (deċiżi fl-24 ta' Settembru 2015² u t-2 ta' Awwissu 2016³, rispettivament) għall-Programm ta' Azzjoni 2014-2016, u t-tielet riforniment ta' EUR 535 miljun (deċiż ukoll fit-2 ta' Awwissu 2016⁴) biex jiffinanzja l-Programm ta' Azzjoni 2017-2018. Iż-żieda fid-domandi sehhiet b'mod partikolari minħabba l-issoktar tal-finanzjament għal operazzjonijiet eżistenti (il-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja - AMISOM), kif ukoll it-twaqqif ta' OAP ġodda (il-Missjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent fil-Guinea-Bissau - ECOMIB, it-Task Force Konġunta Multinazzjonali kontra Boko Haram - MNJTF, il-Forza Konġunta G5 Sahel). Fl-ambitu tal-11-il FEŻ, il-FPA sa issa impenjat total ta' EUR 1 627,3 miljun⁵. Dan l-ammont huwa konsiderevolment akbar mill-impenji skont FEŻ preċedenti, li juri l-impenn akbar tal-finanzjament mill-FEŻ għall-paċi u s-sigurtà.

Id-deċiżjoni tal-COREPER tal-10 ta' Mejju 2016 dwar ir-riforniment tal-FPA ddeterminat ir-riżorsi disponibbli għall-FPA sa tmiem l-2018, iżda ma koprietx ir-rekwiżiti finanzjarji għall-aħħar sentejn tal-11-il FEŻ, li jikkorrispondu għall-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2019-2020. Ir-riżorsi għall-perjodu 2019-2020 għandhom ikunu kapaċi jirreaġixxu għall-ħtiġijiet kontinwi tal-Unjoni Afrikana u tal-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-sigurtà li għaddejjin bħalissa u dawk emerġenti fl-Afrika. Il-prevedibbiltà u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-FPA jridu jiġu żgurati. Il-ħtiġijiet finanzjarji tal-FPA sa tmiem l-2020 bħalissa huma stmati għal EUR 814 860 000.

¹ Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8627 tas-7 ta' Diċembru 2015.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7258 tas-17 ta' Novembru 2016.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 2579 tas-27 ta' April 2017 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 1258 tat-23 ta' Frar 2018.

⁵ Dan l-ammont jinkludi EUR 16,5 miljun f'kontribuzzjonijiet volontarji li saru minn diversi Stati Membri.

L-għan ta' dan l-abbozz ta' proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex jintużaw fondi diżimpenjati mill-għaxar FEŻ għar-riforniment tal-FPA b'ammont addizzjonali sa EUR 445 860 000, li minnhom EUR 431 000 000 se jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-FPA sa tmiem l-2020 u EUR 14 860 000 se jkopru nefqa ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni. Dawn il-fondi se jintużaw bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjonijiet⁶ tal-Istati Membri tal-għaxar FEŻ. Biex dawn il-fondi jiġu kkumplementati mir-riżerva tal-prestazzjoni ("réserve non-mobilisable"), se jiġu mmobilizzati fondi addizzjonali għall-FPA mir-riservi tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali / Programmi Indikattivi Reġjonali (NIP/RIP) tal-11-il FEŻ (EUR 369 000 000).

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-Istrateġija Globali tal-UE⁷ tiddefinixxi l-paċi u s-sigurtà bħala wieħed mill-interessi fundamentali tal-UE, u tkompli billi tiddikjara li s-sigurtà fl-Ewropa hija marbuta bil-qawwa mal-paċi fir-reġjun tal-viċinat u tal-madwar. Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp imgedded⁸, adottat fl-2017, jistabbilixxi l-"paċi" bħala wieħed mill-ħames oqsma ta' fokus u jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għal ordni globali abbażi tar-regoli, bil-multilateraliżmu fil-qalba tagħha.

Il-FPA huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni Afrika-UE dwar il-paċi u s-sigurtà fl-ambitu tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE adottata f'Lisbona fl-2007. Fir-raba' Summit Afrika-UE fl-2014, il-paċi u s-sigurtà ġew ikkonfermati bħala wieħed mill-ħames oqsma ta' prijorità għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Konġunta. Fil-ħames Summit Unjoni Afrikana-UE f'Novembru 2017, il-mexxejja qablu dwar erba' prijoritajiet strateġiċi komuni għall-perjodu li jwassal għas-Summit li jmiss, li waħda minnhom hija "It-tisħiħ tar-reżiljenza, tal-paċi, tas-sigurtà u tal-governanza". Abbażi tal-Kunsens Ewropew Ġdid Għall-Iżvilupp li jfakkar ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp u tal-Istrateġija Globali tal-UE li tisħaq dwar il-bżonn għal approċċ integrat vis-à-vis il-kunflitti, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà tibqa' għalhekk fil-qalba tas-sħubija bejn l-Afrika u l-UE. Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana ffirmaw, fit-23 ta' Mejju 2018, Memorandum ta' Qbil dwar il-Paċi, is-Sigurtà u l-Governanza, li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa UA-UE biex jindirizza l-isfidi li jirrigwardaw il-paċi u s-sigurtà.

Din il-proposta, billi tagħti lok biex jitkomplew l-attivitajiet tal-FPA sal-2020, se tikkontribwixxi biex isservi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), b'mod partikolari l-SDG Nru 16 li "jiġu promossi soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, jingħata aċċess għall-ġustizzja lil kulħadd u jinbnew istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u inklużivi fil-livelli kollha".

L-FPA normalment tiġi ffinanzjata mill-pakkett Intra-AKP tal-FEŻ. L-attivitajiet iffinanzjati mill-fondi addizzjonali allokat għall-FPA mir-riżerva tal-prestazzjoni ("réserve non-

⁶ Dan ma jikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-użu potenzjali fil-futur tal-fondi diżimpenjati minn FEŻ preċedenti, li tibqa' deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri skont il-każ, f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

⁷ Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'saħħitha. Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, Ġunju 2016.

⁸ Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (2017/C 210/01): Il-Kunsens Ewropew Ġdid Għall-Iżvilupp - "Id-Dinja Tagħna, Id-Dinjità Tagħna, Il-Futur Tagħna", is-7 ta' Ġunju 2017.

mobilisable”) se jibqgħu konformi mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-FPA stipulati fl-istrateġija Intra-AKP⁹.

Il-fondi addizzjonali se jintużaw f’konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ. Il-programmazzjoni ta’ dawn il-fondi se tiġi stabbilita mill-Programm ta’ Azzjoni FPA li jmiss għall-2019-2020 li jeħtieġ l-approvazzjoni tal-COREPER qabel ma jiġi adottat mill-Kummissjoni, kif previst mill-Artikolu 15(b) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-11-il FEŻ¹⁰.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ¹¹.

L-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ jirrikjedi li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni tiegħu b’unanimità.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

Il-FEŻ huwa stabbilit minn ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u jipprevedi l-possibbiltà li jintużaw fondi diżimpenjati, jekk ikun dan jinqabel mill-Kunsill¹².

- **Proporzjonalità**

Il-proposta u b’mod partikolari l-ammonti proposti huma bbażati fuq analiżi komprensiva mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-SEAE. Il-proposta hija bbażata wkoll fuq is-suppożizzjoni li sħab oħra se jikkontribwixxu għall-isforzi finanzjarji, inkluż li l-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana se jissodisfaw gradwalment l-impenn li hađu matul is-Summit tal-Unjoni Afrikana ta’ Ġunju 2015 f’Johannesburg, fl-Afrika t’Isfel, li jagħtu kontribuzzjoni ta’ 25 % lill-OAP sal-2020; u li donaturi oħra, inklużi n-NU, se jikkontribwixxu wkoll. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE għandhom il-possibbiltà li jgħaddu l-kontribuzzjonijiet volontarji mill-FPA.

F’Lulju 2016, l-UA adottat deċiżjoni biex timplimenta imposta ta’ 0,2 % fuq l-importazzjonijiet eliġibbli biex tiffinanzja l-Unjoni Afrikana. L-iskop tad-deċiżjoni huwa li

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7766 tat-13 ta’ Novembru 2015 dwar l-adozzjoni tad-Dokument ta’ Strateġija 2014-2020 u l-Programm Indikattiv għall-kooperazzjoni Intra-AKP bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta’ Stati AKP.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta’ Marzu 2015.

¹¹ Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta’ għajjuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta’ assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba’ Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1).

¹² L-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ u l-Artikolu 55 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta’ Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

tipprovdi finanzjament affidabbli u prevedibbli għall-paċi u s-sigurtà fil-kontinent permezz tal-Fond għall-Paċi tal-Unjoni Afrikana. L-implimentazzjoni tal-miżuri prattiċi u tal-leġislazzjoni li hemm bżonn qed timxi 'l quddiem, anki jekk b'ritmi differenti fost l-Istati Membri tal-UA.

- **Għażla tal-istrument**

Il-FEŻ huwa l-uniku sors ta' finanzjament tal-FPA fil-livell tal-UE. Minħabba l-limitazzjonijiet ġuridiċi, l-istrumenti eżistenti tal-UE ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ma jistgħux jintużaw għal operazzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża jew għall-appoġġ ta' benefiċjarji militari għal skopijiet għajr dawk ta' bini tal-kapaċità b'sostenn għall-iżvilupp u ta' sigurtà għall-iżvilupp.

F'konformità mal-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jiddeċiedi dwar proposta tal-Kummissjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

It-tisħiħ tad-dimensjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-proċessi ta' wara l-kunflitt huwa wieħed mill-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni fl-ambitu tal-qasam prijoritarju "Paċi u Sigurtà" tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE (JAES). Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Paċi, is-Sigurtà u l-Governanza bejn l-UA u l-UE ffirmat f'Mejju 2018 jenfasizza ulterjorment iċ-ċentralità tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluża l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru marbuta mal-kunflitti, għall-kisba tal-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan.

Fl-ambitu tal-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2019-2020, se tingħata attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tal-ġeneru u tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-azzjonijiet rilevanti kollha. Se jingħata appoġġ lill-UA u lil atturi rilevanti oħra biex jiġi stabbilit qafas ta' konformità kontinentali tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, applikabbli għall-OAP kollha mmexxija mill-Afrika.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Mhux applikabbli

Il-FEŻ mhuwiex parti mill-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar huma dawk applikabbli għall-11-il FEŻ u dawk previsti fil-Programmi ta' Azzjoni multiannwali rilevanti. Huma inklużi wkoll miżuri addizzjonali rilevanti fl-Aide-mémoire dwar il-miżuri biex tissaħħaħ il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, iffirmit bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana fil-15 ta' April 2016 u emendati fl-24 ta' Mejju 2017, li għandhom jiġu rrispettati mill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana fl-implimentazzjoni tal-FEŻ fil-ġestjoni indiretta.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-paragrafu (1) tal-Artikolu 1 tal-proposta jipprevedi li fondi diżimpenjati sa ammont massimu ta' EUR 445 860 000 minn proġetti fl-ambitu tal-għaxar FEŻ jiġu allokat i għall-finijiet tar-riforniment tal-FPA biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet finanzjarji stmati tal-Programm ta' Azzjoni tal-FPA 2019-2020.

Il-paragrafu (2) tal-Artikolu 1 jipprevedi li massimu ta' EUR 14 860 000 tal-ammont taħt il-paragrafu (1) jiġu allokat i lill-Kummissjoni għan-nefqa ta' appoġġ. Dan jiġi kkalkulat billi jintuża l-istess proporzjon (3,45 %) bħal dak previst għall-ġestjoni tal-fondi tal-11-il FEŻ fl-Artikolu 1(2)(a) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ.

Il-paragrafu (3) tal-Artikolu 1 jipprevedi li jkunu applikabbli r-regoli tal-11-il FEŻ (Implimentazzjoni u Regolamenti Finanzjarji¹³).

L-Artikolu 2 jipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni.

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-fini tar-riforniment tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹⁴, u b' mod partikolari l-Artikolu 1(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-ambitu tal-11-il FEŻ, l-UE sa issa impenjat total ta' EUR 1 627,3 miljun għall-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għar-reazzjonijiet tal-Unjoni Afrikana għal kriżijiet tas-sigurtà li għaddejjin bħalissa u dawk emerġenti fl-Afrika. Dan l-impenn favur il-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan jenħtieġ li jitkompla għall-perjodu 2019-2020.
- (2) Il-ħtiġijiet tal-FPA għall-perjodu 2019-2020 huma stmati għal EUR 814 860 000.
- (3) Hemm lok biex jintużaw il-fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-għaxar FEŻ sabiex il-finanzjament tal-FPA jiġi żgurat sa tmiem l-2020.
- (4) Jenħtieġ li dawn il-fondi addizzjonali jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-FPA, inkluż l-appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà, l-appoġġ għall-inizjattivi mmirati għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitt vjolenti f'każ ta' ħtiġijiet urġenti u imprevisi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Bikrija), u appoġġ għall-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Afrika, u jkopru n-nefqa ta' appoġġ ta' appoġġ mġarrba mill-Kummissjoni.
- (5) Jenħtieġ li dawn il-fondi jintużaw f'konformità mal-programm ta' azzjoni multiannwali rilevanti tal-FPA u mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp,¹⁵ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp¹⁶.

¹⁴ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

¹⁵ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1-16.

¹⁶ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għandu jiġi allokati ammont sa massimu ta' EUR 445 860 000 mill-fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-ġaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-fini tar-riforniment tal-FPA għall-perjodu 2019-2020.

Minn dan l-ammont, sa massimu ta' EUR 14 860 000 għandhom jiġu allokati għan-nefqa ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

Dawn il-fondi għandhom jintużaw f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*